**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠSTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**
**vs**
**Gilmor Lucas Bartolo**
(detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251901L)

**Illum, 13 ta' Ġunju 2024**

Kawża Nru. 426/2024

**Il-Qorti,**

Rat li Gilmour Lucas Bartolo ta' tnejn u għoxrin (22) sena, missier mhux magħruf u Maris Rakban xebba Bartolo, imwieled il-Pieta', Malta nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u wieħed (2001), residenti Binja Qlejgħa, Blokk C, Flat 38, Triq ir-Reġimenti Maltin, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita' numru 251901L, tressaq taħt arrest u f'isem ir-Repubblika ta' Malta, ġie akkużat talli nhar it-tlettax (13) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-sebgħa u nofs (19:30hrs) u d-disgħa u nofs (21:30hrs) ta' filgħaxija ġewwa 'Sliema Fight Co. Gym' li jinsab f'Tigne Point, Sliema u / jew fi bnadi opra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus kontanti, dokumenti u oġġetti oħra għad-dannu ta' Rico Antonelli, Carole Fanny Lorelei Gremont, Florian Matthias Schenkl u / jew ta' xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin

ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-ħin; (Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(3) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta)

Nhar is-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn il-ħdax (11:00hrs) ta' filgħodu u s-siegħa (13:00hrs) ta' wara nofsinhar ġewwa l-istabbiliment 'Tal Qroqq Fitness Centre' li jinsab fi Triq Maria Teresa Spinelli, Gżira u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' scooter, flus kontanti u sett ċwievet għad-dannu ta' Jacob Rataj, Brian Zammit u/jew tal xi persuna/i oħra u/jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi l-mitejn tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda ma jeċċedix l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u bil-mezz; (Artikoli 261(b)(ċ), 263(a), 267, 278(2) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.)

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat Gilmour Lucas Bartolo bħala li sar reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien instab ħati ta' sentenza mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Għaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni eżebiet estratt mill-att tat-twelid u l-fedina penali tal-imsemmi Gilmour Lucas Bartolo, talbu li dan il-każ jiġi pproċessat skont il-liġi.

Rat li llum stess wara li l-uffiċjal prosekutur qara u kkonferma bil-ġurament l-akkużi kontra tiegħu, l-akkużat ammetta l-akkużi.

Rat li fid-dawl tal-ammissjoni tal-akkużat, l-Qorti spjegat il-portata ta' l-ammissjoni, kif ukoll l-possibbli sentenza li tista' tingħata fiċ-ċirkostanzi. Tat ukoll żmien lill-akkużat sabiex jerġa jikkonsulta mal-Avukat tiegħu, u tatu wkoll żmien biex jerġa jikkonsidra l-ammissjoni tiegħu, u meta l-Qorti reġgħet staqsiet lill-akkużat jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, huwa ikkonferma l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali redatta ai termini tal artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Avukat Ġenerali ta' l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja. Rat ukoll illi waqt is-seduta tal-lum l-akkużat ukoll ta l-kunsens tiegħu.

Rat l-atti proċesswali kollha.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Fl-isfond ta' l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-akkużat, il-Qorti ma għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat Gilmour Lucas Bartolo ħati ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti, tenut kont tal-fatt li l-partijiet qablu li l-akkużat m'għandux jingħata piena karċerarja, tal-fedina penali netta tal-akkużat, u l-fatt li huwa kkopera mal-pulizija, hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi m'għandix tiġi erogata piena karċerarja.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 261(b)(ċ)(f), 263(a), 267, 270, 278(2)(3) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lill-Gilmour Lucas Bartolo, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 251901L ħati tal akkużi kollha miġjuba fil konfront tiegħu, u peress li l-Qorti hija tal-fehma li jissussistu ċ-ċirkostanzi meħtieġa u msemmija fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, b'dan li għal dan l-iskop qegħda tordna li l-istess Gilmour Lucas Bartolo jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

A tenur tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-Gilmour Lucas Bartolo bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza, kif ukoll il-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-ħati ddikjara li jaqbel ma tali ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation għandhom jiġu komunikati minnufiħ lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jiġi assenjat Uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' Gilmour Lucas Bartolo. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 qiegħda tordna lill-ħati jħallas lill-partijiet leża l-ammonti ndikati hawn taħt:

1. L-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) lill-Brian Zammit;
2. L-ammont ta' tlett mitt ewro (€300) lill-Florian Schenki

Il-Qorti tordna li tali ammonti jitħallsu bin-nifs, fl-ammont ta' mitt ewro (€100) fix-xahar.

Inoltre stante li l-Qorti irriżultala li l-imputat huwa maħkum mill-vizzju tal-abbuż mid-droga, il-Qorti qiegħda tagħmel ukoll ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett snin (3) u dan sabiex l-imputat jagħraf joħroġ mill-vizzju tal-abbuż mid-droga u dan skont id-digriet li qed jiġi anness ma din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. L-Uffiċjal tal-Probation assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti bil-progress tal-ħati kull sitt (6) xhur.

Finalment il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba kontemplata abbażi tal-artikolu 382, 383, 384, 385, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta peress li m'hemmx lok ta' ordni ta' protezzjoni u mill-atti proċesswali ma jirriżultax li nħatru xi esperti jew periti.

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------